**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D., M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 116/2017 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**
**vs**
**Ramirez Vella**
**Tyler Camilleri**

**Illum 15 ta' Frar, 2018**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Ramirez Vella, detentur tal-karta tal-identita' numru 380198M

U

Tyler Camilleri, detentur tal-karta tal-identita' numru 195799M.

Akkuzati talli f'xi hin, bejn id-disgha (21:00 hrs) ta' fil-ghaxija tat-13 ta' Frar, 2017 u f-disgha (09:00 hrs) ta' filghodu tal-14 ta' Frar, 2017 gewwa Triq Guze' Damato Tarxien:

a) Ikkommettew serq ta' vettura bil-mutur tal-ghaml Daihatsu tip Cuore bin-numru tar-registrazzjoni LCC881 ghad-detriment ta' James Micallef liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-valur.

b) Talli nhar is-16 ta' Frar, 2017 u granet qabel din id-data, gewwa Triq il-Mina ta' Hompesh, Zabbar u bnadi ohra gewwa dawn il-gzejjer, saqu vettura bil-mutur tal-ghamla Daihatsu tip Cuore bin-numru tar-registrazzjoni LCC881 meta ma kienux koperti b'polza ta' sigurta dwar ir-riskji ghat-terzi persuni. Art. 3(1) Kap. 104.

c) Talli fl-istess data hin lok u cirkustanzi saqu vettura bil-mutur tal-ghamla Daihatsu tip Cuore bin-numru tar-registrazzjoni LCC881 minghajr licenzja tas-sewqan Art 15(1)(a) tal-Kap 65.

Lil Ramirez Vella wahdu:

d) Talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputati fis-seduta datata 15 ta' Frar, 2018.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid ta' Ramirez Vella, estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid ta' Tyler Camilleri, current incident report, fedina penali ta' Ramirez Vella, fedina penali ta' Tyler Camilleri, dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali ta' Noel Camilleri li huwa missier Tyler Camilleri, stqarrija ta' Tyler Camilleri, dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali ta' Ramirez Vella, stqarrija ta' Ramirez Vella, u certifikat mediku.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat Ramirez Vella ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u kif registrata fit-tieni seduta quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat Tyler Camilleri ghall-ewwel (1) akkuza kif dedotta kontra tieghu u kif registrata fit-tieni seduta quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur irtira t-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi fil-konfront ta' Tyler Camilleri.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputati b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u tathom zmien xieraq biex jekk iridu, jistghu jergghu lura minnha u fil-fatt huma regghu tennew l-istess ammissjoni taghhom.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputati stess, il-Qorti ssib lill-imputati hatja ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom.

Illi dwar il-piena, u fil-konfront ta' Tyler Camilleri, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fedina penali netta tieghu kif ukoll l-eta' tenera tieghu.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 261 , 263, 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat <u>Ramirez Vella</u> hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah seba' (7) xhur habs li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' sentejn (2) mil-lum. Tordna ulterjorment li l-imputat Ramirez Vella, ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta ma jottjeni l-ebda licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mil-lum.**

**Il-Qorti ssib lill-imputat Tyler Camilleri hati tal-ewwel (1) imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel l-ebda reat iehor ghal zmien tlett (3) snin mil-lum. Il-Qorti spjegat lill-hati Tyler Camilleri l-portata ta' din is-sentenza.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil hati Ramirez Vella fi kliem semplici l-portata tas-sentenza moghtija ai termini ta' l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li din is-sentenza flimkien ma l-atti tal-proceduri jigu mghoddija lill-Avukat Generali ai termini tal-Ligi.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**